MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 141/2007

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 27 ta' Marzu 2014**

Rikors Guramentat Nru.  141 / 07RGM

Kawza fil-lista: 16

**AB f'isimha proprju u f'isem iz-zewg ulied minuri C**

**u D ahwa B u dan skont id-digriet**

**moghti fit-12 ta' April 2007**

**vs**

**E B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat li prezentat l-attrici li jaqra hekk:-

"1. Illi l-kontendenti ilhom mizzewgin sitta u ghoxrin (26) sena u ghandhom hamest (5) itfal, li tnejn minnhom ghadhom minuri: Cta' sittax (16)-il sena u D ta' tnax (12)-il sena;

2. Illi l-hajja taz-zwieg bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet gravi imputabbli lill-intimat, u senjatament minhabba sevizzi, theddid, u ingurji gravi kontra l-esponenti u wliedha u l-esponenti hija awtorizzata tmexxi bid-digriet 85/2007 (ittra 1294/2004).

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat;

ii. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Cu D ahwa B f'idejn l-esponenti b'dan illi l-intimat ikollu access ragonevoli;

iii. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri Cu D ahwa B;

iv. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg partijiet kontendenti, tillikwidaha, u taqsamha b'mod ekwu wara li jkunu komminati kontra l-intimat l-Artiklu 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat imharrek minn issa in subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. "Illi l-htija tat-tkissir taz-zwieg hija imputabbli fil-konfront ta' l-attrici, u rna hijiex imputabbli fil-konfront ta' l-eccipjenti.

2. Illi inoltre l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha sabiex titlob manteniment stante li hija hatja ta' adulterju fil-konfront ta' 1-eccipjenti kif ukoll hija abbandunat id-dar matrimonjali ghal ebda raguni valida. Di piu l-attrici ghandha impjieg fiss.

3. Illi di piu l-eccipjenti jirrileva li l-iben Cta sittax-il sena ghandu impjieg u ma huwiex intitolat ghal manteniment.

4. Illi inoltre fil-kaz odjern ma humiex applikabbli s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-eccipjenti, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun"

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat in-nomina tal-Perit Mario Cassar b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

**Tkissir taz-Zwieg**.

Fix-xhieda taghha l-attrici spjegat illi l-problemi matrimonjali tfaccaw mill-bidu tal-hajja matrimonjali taghhom. L-attrici tghid li l-konvenut beda jidhol tard id-dar u jkun xurban. Baqghu ghaddejjin is-snin u l-partijiet kellhom hamest itfal, illum ilkoll maggorenni.

Tirrakkonta kif snin wara li kienu izzewgu l-konvenut kellu incident bil-karrozza u kien ghamel xi dejn u bdew gejjin in-nies ihabbtu id-dar taghhom jippretendu li jhallshom il-flus.

Kien hawn li l-attrici harget tahdem billi tmur tnaddaf fid-djar tan-nies. Tirrakkonta episodji fejn il-konvenut kien jidhol id-dar xurban u kien hemm okkazzjonijiet fejn refa' idejh fuqha. F'incident minnhom qasmilha xoffitha u darb' ohra habbatilha rasha mal-purtella tal-kcina u qactilha l-gizirana. Tirrakkonta diversi episodji ohra ta' vjolenza domestika kommessi mill-konvenut.

Beda jifrekwenta l-kazin u jidhol lura id-dar jidghi u mhux l-ewwel darba li l-attrici kien ikollha iccempel lill-pulizija.

L-attrici tispjega illi l-konvenut kien jakkuzaha b'adulterju. Hija cahdet li dak iz-zmien kienet f'relazzjoni ma' haddiehor, ghalkemm tammetti li llum il-gurnata qieghda ma ragel iehor.[1]

L-attrici spiccat telqet mid-dar matrimonjali tghix ma' ragel iehor filwaqt li l-konvenut ghadu jghix sal-lum fid-dar matrimonjali.

Xhedu wkoll ulied il-partijiet li kkonfermaw diversi episodji ta' vjolenza kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici.[2]

Xi whud mill-ulied tal-partijiet xhedu illi l-inkwiet bejn il-partijiet beda meta l-konvenut induna li kien hemm hbiberija bejn l-attrici u certu Salvu Cassar.[3] Illum fil-fatt l-attrici tghix ma' dan Salvu Cassar.

---

1 Ara xhieda tal-attrici a fol. 63
2 Ara xhieda ta' Charmaine Nkaweh a fol. 72; ta' D B a fol. 75;

Is-Surgent PS 386 Joseph Cauchi ipprezenta diversi rapporti li gew maghmula mill-attrici mal-pulizija fosthom dak rigwardanti incident fejn il-konvenut kien xurban u vjolenti fid-dar matrimonjali u meta l-pulizija marru fuq il-post il-konvenut aggredihom tant li kellu jigi arrestat.

**L-Aspett Patrimonjali**.

B'kuntratt tat-13 ta' Awwissu 1982 in atti Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel il-partijiet xtraw il-fond bin-numru tnejn u hamsin (52), gia tnejn u erbghin (42), bl-isem "Fleur", gewwa Valletta Road, Mqabba.[4]

Dwar assi parafernali l-attrici tikkontendi illi meta izzewget ommha kienet irregalatilha gizirana bid-djamanti li hija stmat fis-somma ta' hamess mitt lira Maltin (Lm500). In sostenn ta' dan ipprezentat sett ta' ritratti tat-tieg taghha fejn l-attrici tidher liebsa gizirana li l-attrici ssostni li kienet tad-djamenti u li kienet parafernali taghha. Tikkontendi wkoll li kellha kamra tas-sodda li kienet xtratilha ommha.

L-attrici ssemmi wkoll li kien hemm vettura tal-mara Peugeot li tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u li ma tafx x'valur ghandha llum.

Gie ezebit mill-attrici certifikat rilaxxjat mill-Perit Joseph Saliba fil-11 ta' April 2012 fejn jistma l-fond li jinstab fi Triq Valletta, Mqabba, fis-somma ta' mija u erbghin elf ewro (€140,000).[5] L-attrici ezebit ukoll stima maghmula ghand Pavillion Jewellers datata 19 ta' April 2012 fejn gie certfikat li gizirana tad-djamanti kif qed tiddeskrivi l-attrici tiswa' illum il-valur ta' circa elfejn u erba' mitt ewro (€2,400).

Il-konvenut ezebixxa certifikat rilaxxjat mill-Perit David Muscat li jinkludi stima tal-fond imsemmi fis-somma ta' tlieta u disghin elf, mija u erba' u sebghin ewro (€93,174).

Permezz ta' rapport peritali mahluf fid-19 ta' Gunju 2013 il-Perit Mario Cassar iccertifika li l-fond matrimonjali fuq imsemmi ghandu valur ta' mija u tletin elf ewro (€130,000).[6]

---

[3] Ara xhieda ta' Josette Mizzi a fol. 275 u ta' Sandro B a fol. 277.
[4] Ara kuntratt a fol. 203
[5] Fol. 325
[6] Fol. 346

Ikkunsidrat;

**Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut ghamel zmien twil jitratta hazin lill-attrici. Aktar ma beda ghaddej iz-zmien l-agir tieghu kien qed isir vjolenti specjalment meta kien ikun taht l-effett tal-alkohol. Il-konvenut jallega li fiz-zmien in kwistjoni l-attrici kellha relazzjoni extra matrimonjali. L-attrici tichad tali allegazzjoni u ssostni li kien biss wara li kienet kostretta li titlaq mid-dar li bdiet relazzjoni ma' haddiehor. Ma tresqux provi konvincenti li juru li l-attrici kienet adultera qabel ma sfaxxa z-zwieg tal-partijiet. Ghall-kuntrarju jirrizulta li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment b'rizultat tal-agir tal-konvenut konsistenti f'sokor u agir vjolenti fil-konfront tal-attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament il-konvenut.

**Manteniment**.

Tenut kont tal-fatt li l-attrici llum tikkoabita ma' haddiehor, iddekadiet mid-dritt li titlob minghand il-konvenut manteniment.

**Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**.

L-attrici iddikjarat fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2014 illi l-unika pretensjoni li ghandha fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti hi sehemha tad-dar matrimonjali.

Kif rajna din id-dar giet stmata mill-Perit Tekniku Mario Cassar fis-somma ta' €130,000.00

Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna l-bejgh bis-subbasta tal-fond imsemmi u jittiehed kont tal-istima peritali. Ir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet wara li l-attrici tippercepixxi l-ammont indikat aktar 'l isfel taht it-titolu 'Assi Parafernali'.

L-attrici tirreferi wkoll ghall-vettura li inxtrat fiz-zwieg tal-marka Peugeot li tinsab licenzjata f'isem il-konvenut.. Hija ma resqet l-ebda prova tal-valur taghha u talbet li l-Qorti tiffissa ammont *arbitrio*

*boni viri*. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tiddikjara li din il-vettura tiswa' hamess mitt ewro u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

Peress li l-attrici ma qed tressaq l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali, il-Qorti qed tassenja l-mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali lill-konvenut.

**Assi Parefernali**.

L-attrici xhedet li fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha mal-konvenut, ommha kienet irregalatilha gizirana tad-djamanti li dak iz-zmien kienet tiswa hames mitt lira Maltija (Lm500). Hija ezebit ritratti dwar din il-gizirana kif ukoll stima fis-somma ta' €2,425.00[7]

Peress li l-attrici xehdet li l-konvenut kien ad insaputa taghha biegh din il-gizirana u l-prezz uzah fl-interess ta' membru tal-familja tieghu, il-Qorti qed tordna li mir-rikavat tal-bejgh bis-subbasta tal-fond matrimonjali, l-attrici tippercepixxa s-somma ta' €250.00 u s-somma ta' €2,425.00 u l-bilanc jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbhli lill-konvenut.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici in kwantu iz-zewg ulied hemm imsemmija llum huma maggorenni.

3. Tichad it-tielet talba attrici stante li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha.

---

[7] Fol. 326/i

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici, tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess bil-mod kif ordnat aktar qabel taht it-titoli ‘Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti’ u ‘Assi Parafernali’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------